**Jean de la Vallette - Munita tal-Fidda**




Fis-sena 2007 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ il-munita kommemorattiva "La Vallette" bħala l-aħħar munita tal-fidda denominata bil-lira Maltija.

Fuq wiċċ il-munita tidher l-Arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2007. L-irġejjen juri l-Granmastru La Vallette bid-dati ta' twelidu u ta' mewtu (1494 – 1568). Dawn il-muniti qegħdin jinħarġu taħt il-Programm "Europa" 2007 bit-tema ta' "Twettiq Ewropew". Il-logo offiċċjali ta' dan il-programm, l-*Europa Star*, jintwera wkoll fuq l-irġejjen. Din il-munita ġiet disinjata min-naqqax Malti s-Sur Noel Galea Bason u kienet maħduma miz-Zekka Rjali Olandiża.

| Tip | Denominazzjoni | Diametru (mm) | Użin Gross (g) | Titlu | Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 15,000 |